# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**27/18**

**Minuti tas-sebgħa u għoxrin (27) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa 4 ta' Lulju fil-5.30 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier (waslet 6.46 pm) |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier (wasal 5.37 pm) |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier (ħareg 5.35 reġa' daħal 5.37 pm) |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u skużati** | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (iżżewweġ) |

***Aġenda:*** ***Mozzjoni - Xogħlijiet fit-Toroq Braille, Misraħ Santa Venera u f'Misraħ il-Barrieri***

Il-laqgħa bdiet bit-talba fis-5.30 ta' filgħaxija.

**1 Mozzjoni - Xogħlijiet fit-Toroq Braille, Misraħ Santa Venera u f'Misraħ il-Barrieri**

1.1 Kif is-Sindku qal it-talba u kien ser jibda l-laqgħa, fil-pront il-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa qal li ma jistgħux jibdew il-laqgħa jekk m'hemmx il-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana li ppropona l-mozzjoni. Is-Sur Edwin Formosa ħareg fil-fatt mil-kamra fil-5.35 ta' filgħaxija.

1.2 Is-Sindku wieġeb li min fassal il-mozzjoni ma kiex għadu preżenti u jekk ma jattendiex iridu jirrikorru fuq x'tgħid il-liġi.

1.3 Sakemm l-ASE rreferiet għal-Liġi l-Kunsilleri Stephen Sultana daħal fil-kamra (fil-5.37 ta' filgħaxija) - miegħu rega' daħal is-Sur Formosa. Is-Sur Sultana qal li minn ippreżenta l-mozzjoni jixtieq jipproponiha.

1.4 Is-Sindku qara l-mozzjoni bid-data 15 ta' Ġunju 2012.

1.5 Is-Sur Sultana ippropona l-mozzjoni u s-Sur Formosa ssekondha. Is-Sur Sultana qal li sa nhar it-Tnejn li għadda, ma sar xejn minn tliet gimgħat l'hawn. Fil-fatt sostna li għamel dina l-mozzjoni minħabba li avviċinawh żewġ residenti minn Triq Braille u qalulu lill-ħaddiema tal-Kuntrattur qalulhom lix-xogħlijiet se jitkomplew f'Awwissu, 2012. Is-Sur Sultana kompla lit-toroq huma arterji u l-festa mhux xierqa li tiġi ittrattata hekk. Is-Sur Sultana ma jħossx li xogħol li beda fit 30 ta' Mejju idum

daqshekk. Huwa iħoss li l-Kunsill qiegħed għall-benefiċċji tar-residenti. Semma' wkoll xi tappieri mkissrin.

1.6 Il-mozzjoni ġiet issekondata mis-Sur Edwin Formosa u meta s-Sindku s-Sur Horace J Anastasi staqsieh x'kienet r-raġuni tiegħu 'l għala qed jissekondah, is-Sur Formosa wieġeb li hu jaqbel f'kollox mas-Sur Sultana.

1.7 Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku jekk iridx jikkummenta. Il-Viċi Sindku ma kellux kummenti x'jgħaddi.

1.8 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier is-Sur Charles Camilleri. Is-Sur Camilleri qal jekk huwiex minnu li t-triq ingħalqet u ma sarx xogħol? Huwa staqsa jekk huwiex veru wieqaf ix-xogħol jew le.

1.9 Is-Sindku wieġeb li kienu skoretti. Huwa qal li jikkundanna dan l-aġir għaliex setgħu il-ħin li kien qed jintuża għal dina l-laqgħa seta' ntuża għal skopijiet aħjar u li jħallu aktar ġid lil-Lokal. Is-Sindku staqsa lis-Sur Sultana 'l għala li flok ħoloq dal-ħela ta' ħin ma tkellimx mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera u kienet tispjegalu s-sitwazzjoni kollha.

1.10 Is-Sur Sultana wieġeb li huwa mhux ser jittollera dan u mhux ser iħalli s-Sindku jigdeb.

1.11 Is-Sindku fakkar lis-Sur Sultana biex juża l-etika u saħaq li hu dejjem ipprova dak li jkun qed jgħid. Is-Sur Anastasi fakkar lill-Kunsillieri kollha, inklużi s-Sur Sultana, s-Sur Formosa u s-Sur Bugeja li kif taf sew l-ASE Louise Gusman, li kollha kienu jafu lit-tarmak kien se jkun minn 3" għal aktar u li kellhom isiru xi testijiet tal-ilma u tat-triq stess.

1.12 Is-Sur Sultana reġa' staqsa għalfejn ix-xogħol kien ilu wieqaf għall-tliet gimgħat.

1.13 Is-Sindku kompla jispjega kif fuq it-triq imsemmija saru s-servizzi kollha u saru t-testijitet tal-ilma u li sabu xi problemi fl-ilma ta' Triq San Pawl u kellhom jistennew sakemm jirċievu l-ordni mill-WSC biex ikunu jistgħu jkomplu. Kien hemm ukoll partijiet mit-Triq li kienu sfrondaw u kellhom jieħdu hsiebhom. Żied jgħid li l-Ħamis li għadda filgħaxija l-Kunsill irċieva mingħand il-Perit Bezzina r-rapport tat-triq sabiex jikkonferma jekk it-triq kienetx ser tkun b'saħħitha biżżejjed jew le. Is-Sindku qara l-ittre tal-Perit bid-data 28 ta' Ġunju 2012. Informa lill-Kunsillieri prezenti li saru t-tappings tal-ilma u nfurmahom ukoll li probabbli ser jidħlu f'żzjed spejjeż. Is-Sur Anastasi stqarr li kien diġa' tkellem mas-Sur Mario Coleiro u serraħħlu moħħu li mhux talli li ser tissewwa kull tappiera li titkisser iżda, talbu jimmarkalu fejn iridu jiġu t-tappieri kollha u li jekk ikun il-bżonn il-Kunsill kien lest li jżidhom. Is-Sindku żied jgħid li hu kien ta' ultimatum lill-Kuntrattur li sa ġimgħa qabel Jum il-Festa ta' Santa Venera Verġni u Martri t-triq kellha tkun lestha. Is-Sindku rrimarka li ma setax jemmen kif intqal mis-Sur Sultana li, l-mozzjoni tqajmejt peress li tkellmu miegħu żewġ residenti u qalulu li mhux ser jitkompla x-xogħol għalissa u jitkompla f'Awwissu. Huwa qal ukoll li peress li s-Sibt ser ikun hemm il-'Festa b'Differenza' fil-ġonna, is-Sindku kien ftiehem minn qabel sabiex Triq Braille tinkesa u tinħasel qabel is-7 ta' Lulju. Is-Sur Anastasi fakkar lill-Kunsillieri kollha kienu mgħarrfa dwar dan kollu.

1.14 Is-Sur Sultana indirizza lis-Sindku u akkużah li ġabu żibel ir-raħal.

1.15 Is-Sindku reġa' fakkru fl-etika u sostna mas-Sur Sultana biex jirrimarka biss, il-veritajiet, fuq il-facebook. Is-Sindku sostna li kif wiegħed kollox kien ser ikun lest fi żmienu.

1.16 Is-Sur Sultana qal li huwa dejjem kien korrett f'li jghid.

1.17 Is-Sur Camilleri qal li din il-mozzjoni saret għalxejn.

1.18 Is-Sindku ppropona lill-Kunsillieri għandhom jivvutaw mhux favur il-mozzjoni kif pinġiha s-Sur Sultana iżda, dwar dak li rriżulta minnha. Is-Sur Anastasi ikkundanna għall-mod kif qed isiru xi mozzjonijiet/laqgħat b'urġenza u, li basta jirrimarkaw li jissekondaw u/jew jaqblu li tinżamm laqgħa b'urġenza meta jkunu jafu li ma jistgħux jattendu. Is-Sindku qara l-mozzjoni kif ippreżentatha mis-Sur Sultana u lis-Sur Formosa u s-Sur Cleaven Bugeja li, ma kienx preżenti, ssekondawha.

1.19 Is-Sindku qara l-punti tal-mozzjoni ppreżentata:

1 Jaqblu maghha
2 Jaqblu maghha
3 Meta ktibtha iva imma meta imwieġba … biex stajt tagħmel ix-xogħolijiet llum
4 Xogħol tal-kuntratt – dan diġa beda u m'hemmx bżonn il-mozzjoni.

6 Is-Sindku qal li l-armar tal-festa, ic-Chairman kien infurmat.

Fuq l-asphaltar – jaf li s-Sur Sultana kellu l-istess kuntrattur.

1.20 Is-Sur Anastasi sostna li kien importanti li tissemma wkoll, li s-Sur Sultana qal li l-iktar li ġielu jagħmel din il-mozzjoni kien għax skont hu, żewġ residenti minn Triq Braille qalulu lill-ħaddiema tal-kuntrattur qalulhom lix-xogħol kien ser jitkompla f'Awissu u, li dan assolutament, ma kienx minnu. Is-Sindku ikkonferma li qabel it-22 ta' Lulju 2012, it-Triq kienet ser tkun lestha kif kienu jafu l-Kunsillieri kollha u kif kien imwiegħed.

1.21 Il-Vici Sindku s-Sur Ronald Briffa qal li jista' jkun li s-Sur Sultana kiteb din il-mozzjoni imma, is-Sur Briffa xtaq lis-Sur Sultana jsemmi dawk in-nies b'isimhom ħalli isaħħaħ l-argument tiegħu.

1.22 Is-Sindku qara l-ittra li bagħat il-Perit Bezzina bid-data 2/7/2012. Huwa qal li huma kienu tkellmu, ċemplu u kitbu lil xulxin. Is-Sindku sostna li huwa kien favur li jitlesta l-proġett fi żmien stipulat. Kif inhi l-mozzjoni, ma kellhiex tigi ippreżentatha hekk. Fil-minuti qed ngħidu lix-xogħol irid isir kif suppost bil-liġi. Ma naqblux bil-mod kif ġiet ipprezentatha din il-mozzjoni. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx għax dak kollu li ġie issuġġerit u, iżjed kien diġa fil-*pipeline.*

| | |
|---|---|
| Favur il-mozzjoni | Is-Sur Stephen Sultana u s-Sur Edwin Formosa |
| Kontra l-mozzjoni | Is-Sur Horace J Anastasi, s-Sur Ronald Briffa u s-Sur Charles Camilleri u s-Sinj. Micallef |

4 voti kontra u 2 favur.

1.22.1 Il-Mozzjoni kif ippreżentaha ma għaddietx.

1.23 Il-Laqgħa spiċċat fis-6.17 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 10 ta' Settembru 2012